**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 30 ta' Ottubru 2001**

**Rikors Nru: 55/00B**

**Nazzareno Zammit, Joseph Zammit Giovanna Borg u Maria Vella**

**Vs**

**Dennis Falzon**

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-esponenti::

Illi l-esponenti jikru lill-intimat il-fond Lourdes House, Ponsonby Street, Mosta bil-kera ta' mija u hamsin Lira Maltin (LM150) fis-sena pagabbli kull sitt xhur;

Illi dan il-post kien mikri sabiex juzawh il-haddiema biex jistriehu u dan illum jinsab maghluq b' konsegwenza li d-destinazzjoni tieghu inbidlet;

Ghaldaqstant l-esponenti pro et noe in vista tan-"non uso" jitlob lill-dina l-Bord jawtorizzahom jirriprendu l-fond in kwistjoni cioe Lourdes House, Ponsonby Street, Mosta u ghal dan l-iskop l-esponenti pro et noe jitlob li jigi prefiss minn dana il-Bord terminu qasir u perentorju sabiex l-intimat Dennis Falzon mill-fond de quo.

Bl-ispejjes.

Ra r-risposta ta' l-intimat fejn inter alia intqal:

Illi fl-ewwel lok u ghall-korrettezza procedurali jigi rilevat li r-rikors ma jindikax id-data ta’ l-ewwel skadenza u li kuntrarjament ghal dak indikat fir-rikors promotur, il-kera ma jithallasx bis-sitt xhur imma bis-sena bil-quddiem.

Sema x-xhieda bil-gurament

Ra l-atti

Ra l-verbal tal-11 ta’ Ottubru 2001

Ikkunsidra,

1.Illi mix-xhieda tar-rikorrent moghtija fis-seduta tal-4 ta’ Lulju 2001 jirrizulta li kif jghid l-intimat il-kera jithallas bis-sena u mhux bis-sitt xhur bil-quddiem.

2. Illi mill-istess xhieda ma jirrizultax meta l-kiri jaghlaq.

3. Illi ghalkemm in-nuqqasijiet li hemm fir-rikors ma jgibu l-ebda nullita’ jew irritwalita’, il-Bord jistenna li l-professjoni legali, li zgur taf il-ligi procedurali, ghandha timxi konformament maghhha biex ma jintilifx zmien u ma tigix imxekkla il-gustizzja. Is-serjeta’ sabiha dejjem u ma titbiddilx biz-zmien ghax qatt ma tiqdiem.

4. Il-Bord qed jaghti gimgha zmien m’ illum biex ir-rikorrent jiehu hsieb jaghmel dak kollu li hu mehtieg, kif fuq imfisser, biex sa fl-ahhar, dan ir-rikors jibda jinstema fil-mertu kif zgur jixtiequ l-partijiet u d-difensuri taghhom.

L-ispejjez ta’ din is-sentenza u proceduri marbutin maghhha jithallsu mir-rikorrenti.

Il-kawza tibqa’ differita ghal 4 ta' Dicembru 2001.

Dep.Reg Magistrat